MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 555/2008

**Joseph (ID 308920M) u Maria Felicita (ID 250126M) konjugi Cremona, u b`digriet tal-5 ta` Marzu 2012 gew trasfuzi f`isem Maria Felicita Cremona, Rosaria Maria mart Tony Galea, Carmel sive Charles Cremona, Maria sive May mart mart Mario Azzopardi, Isabella mart Joseph Formosa u Jacqueline mart MalcoLmSt. John; stante l-mewt tieghu**

***kontra***

**Philip Alamango (ID376451M)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-<u>30 ta` Mejju 2008</u> li jaqra hekk –

(*1) Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond 3, Triq Miggiani, il-Marsa li kien mikri lil Raymond Saliba u liema kirja giet itterminata fil-15 ta` April 2008.*

*(2) Illi l-intimat kien proprjetarju tal-fond sovvrastanti 1 u 2 Triq Miggiani, l-Marsa bil-bieb principali f`St. Joseph High Road, Hamrun.*

*(3) Illi fit-30 ta` Marzu 2007, skond skrittura hawn annessa u mmarkata bhala dokument A, il-partijiet ftehmu illi stante li l-intimat kien bi hsiebu jaghmel xoghol ta` kostruzzjoni, konsistenti fil-bini ta` sulari ohra u galadarba l-pedamenti ezistenti ma kinux jifilhu l-bini li kien ser jittella` fuq il-fond tal-atturi allura bi ftehim mal-atturi kellhom isiru xi xoghlijiet fil-fond tal-istess atturi a spejjez tal-intimat.*

*(4) Illi dawn ix-xoghlijiet kienu jikkonsistu f`bini ta` pilastri fil-fond tal-atturi taht is-sorveljanza tal-Perit Edwin Mintoff.*

*(5) Illi l-intimat obbliga ruhu li jtella` dawn iz-zewg pilastri a spejjez tieghu kif ukoll li jaghmel tajjeb ghal hsarat li jistghu isiru fil-fond u liema hsarat kellhom jissewwew ghas-sodisfazzjon tal-Perit tal-atturi.*

*(6) Illi l-fond inoltre kellu jitkahhal u f`kaz li t-tiles sia ta` mal-hajt u tal-art tal-kamra tal-banju tal-atturi u l-art tat-terran jigrilhom hsara, l-intimat obbliga ruhu li a spejjez tieghu, jaghmel kamra tal-banju gdida u madum gdid.*

*(7) Illi dawn ix-xoghlijiet kellhom jispiccaw sa mhux aktar tard mill-15 ta` Gunju 2007 u f`kaz ta` dewmien, dawn il-hsarat kellu jaghmel tajjeb ghalihom l-intimat.*

*(8) Illi dawn ix-xoghlijiet bdew pero` ghadhom ma spiccawx sal-gurnata tal-lum stante illi d-dranagg, il-kamra tal-banju, bit-tiles tal-art u ta` mal-hajt, il-bibien, it-tieqa, il-madum tal-fond u l-bir kif ukoll il-komunikazzjoni tal-ilma u elettriku ghadhom mhux lesti u l-fond mhux abitabbli skond kif jirrizultaw minn sett ta` ritratti hawn esebiti u mmarkati bhala dokumenti D sa M.*

*(9) Illi l-atturi qed jitilfu mhux biss il-kera ta` l-istess fond imma wkoll qed isofru danni bid-dewmien galadarba l-kirja antecedenti giet terminata.*

*(10) Illi l-hsarat ma ssewwewx u wisq inqas tlestew skond ma ried il-Perit tal-atturi u dan kif iccertifika l-Perit Mario Scicluna skond zewg certifikati minnu rilaxxjati fl-10 u fil-11 ta` Jannar 2008 li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati bhala dokumenti B u C.*

*(11) Illi minkejja li tlestew il-kolonni tal-fond, is-saqaf tal-istess fond sovvrastanti tbaxxa biex b`hekk l-arja tieghu giet ridotta b`0.3m X 0.3m kif iccertifika l-istess Perit Mario Scicluna b`dannu ghall-atturi.*

*(12) Illi ghalhekk l-atturi sffrew danni u qed isofru danni tort tal-intimat galadarba huwa ma lestiex il-fond kif kien obbligat jaghmel skond is-sengha u l-arti u mhux fi zmien stabbilit fil-ftehim raggunt bejniethom.*

*(13) Illi l-intimat gie nterpellat diversi drabi biex ilesti l-fond 3, Miggiani Street, il-Marsa pero` minkejja dan, huwa baqa` inadempjenti.*

*(14) Illi b`konsegwenza ta` dan, l-intimat ghandu mhux biss jigi kkundannat biex jaghmel ix-xoghlijiet skond il-ftehim tat-30 ta` Marzu 2007 u fin-nuqqas li jaghmel dan, dawn l-istess xoghlijiet ghandhom isiru mill-atturi a spejjez tieghu imma wkoll ghandu jigi kkundannat ihallas id-danni li huwa kkawza lill-atturi fid-dewmien fl-esekuzzjoni tax-xoghol billi kkawzalhom telf ta` profit fil-kiri tal-istess fond oltre li ghandhom jircievu kumpens ghall-istess dewmien u ghall-arja mehuda mill-intimat fir-riduzzjoni ossija talli tbaxxa s-saqaf.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi jghdi l-intimat ghaliex din il-Qorti m`ghandhiex :*

*(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat ghandu jaghmel ix-xoghlijiet kollha tat-tlestija tal-fond 3, Miggiani Street, il-Marsa ai termini tal-iskrittura tat-30 ta` Marzu 2007 u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu stabbilit minn din il-Qorti.*

*(2) Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu dawk ix-xoghlijiet kollha tat-tlestija tal-fond 3, Miggiani Street, il-Marsa ai termini tal-iskrittura tat-30 ta` Marzu 2007 jekk hemm bzonn bl-opera ta` periti nominandi a spejjez tal-intimat.*

*(3) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat huwa responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi mill-15 ta` Gunju 2007 konsistenti f`telf ta` profit fil-kiri tal-istess fond minn dak il-perjodu oltre li l-atturi ghandhom jircievu kumpens ghad-dewmien u tal-arja mehuda mill-fond taghhom fir-riduzzjoni ossija talli tbaxxa l-istess fond.*

*(4) Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi kif fuq deskritt, jekk hemm bzonn bl-opera ta` periti nominandi.*

*(5) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dik is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-protest gudizzjarju nru. 546/07 datat 18 ta` Dicembru 2007 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut prezentata fil-<u>5 ta` Settembru 2008</u> li taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li x-xogholijiet in kwistjoni ma gewx kompletati mhux tort tal-konvenut u anke minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess atturi u dana kif ser jigi ahjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalsiasi kaz it-talbiet attrici in kwantu koncernanti telf ta` profitti u danni huma assolutament bla ebda bazi u dana stante li mhux biss ma sofrew ebda telf ta` profitti u danni izda talli minhabba dawn ix-xogholijiet l-atturi imeljoraw il-pozizzjoni taghhom.*

*3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma nvada l-ebda parti mill-proprjeta` tal-atturi u fi kwalsiasi kaz ix-xoghlijiet kollha saru skond l-arti u s-sengha u bil-konsapevolezza u approvazzjoni tal-atturi.*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, il-lista tax-xhieda ndikati minnu, u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata.

Rat l-affidavit ta` l-attrici a fol 26 sa 28 u l-affidavit tal-Perit Mario Scicluna a fol 30 sa 31.

Rat id-digriet taghha moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-udjenza tat-8 ta` Ottubru 2008 (fol 32) fejn innominat lill-Perit Alan Saliba bhala perit tekniku sabiex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Alan Saliba (fol 69 sa 106) li kienet ipprezentata fid-19 ta` Ottubru 2011 u mahlufa fis-17 ta` Novembru 2011.

Rat l-atti li kienu pprezentati mill-perit tekinu mar-relazzjoni (107 sa 216).

Rat in-nota tal-konvenut tat-28 ta` Novembru 2011 b`talba ghall-hatra ta` periti addizzjonali.

Rat illi l-konvenut irtira din it-talba fl-udjenza tas-16 ta` Jannar 2012.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta` Marzu 2012 fejn wara l-mewt ta` l-attur Joseph Cremona fil-mori tal-kawza l-atti tieghu kienu trafuzi f'isem martu l-attrici Maria Felicita Cremona u l-hames uliedu Rosaria Maria mart Tony

Galea, Carmel sive` Charles Cremona, Maria sive` May mart Mario Azzopardi, Isabella mart Joseph Formosa u Jacqueline mart MalcoLmSt. John.

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza ta` l-14 ta` Gunju 2012 fejn halliet il-kaweza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

**II. <u>Provi</u>**

Fl-affidavit taghha, l-**<u>attrici</u>** tghid li hi u zewgha huma proprjetarji tal-fond numru 3, Triq Miggiani, Marsa. Dan kien mikri lil Raymond Sultana ghal €81.53 fix-xahar. Il-konvenut huwa proprjetarju tal-fond sovrastanti bin-numri 1 u 2 Triq Miggiani, Marsa. Il-konvenut ried jibni l-arja tal-fond tieghu. Biex jaghmel hekk, kellu bzonn issahhah il-binja tieghu. Ghalhekk talab permess biex jaghmel pilastri fil-fond ta` l-atturi. L-atturi accettaw u saret skrittura fit-30 ta` Marzu 2007 fejn kien miftiehem li l-konvenut jinghata access sabiex jaghmel dawn iz-zewg pilasti a spejjez tieghu. Inoltre l-konvenut kellu jaghmel tajjeb ghal kwalunkwe hsarat li jsiru fil-fond ta` l-atturi. Il-konvenut kellu jkahhal mill-gdid il-fond ta` l-atturi. Kif ukoll li f`kaz li l-madum tal-kamra tal-banju u l-madum tat-terran jigrilhom xi hsara, dawn kellhom jinbidlu. L-inkwilin ivvaka l-post skond ftehim li lahaq mal-konvenut, fejn dan ta` l-ahhar sablu post alternattiv ta` residenza.

L-attrici kompliet tixhed li x-xogholijiet li kellhom isiru mill-konvenut baqghu ma tlestewx. Ghalhekk saret din il-kawza. Tghid illi minkejja li tlestew il-pilastri, is-saqaf tal-fond sovrastanti tbaxxa biex b`hekk l-arja tieghu giet ridotta b` 0.3 metri x 0.3 metri. Dan kollu jidher mill-velestrun tal-bieb ta` barra li ma jistax jitwahhal kif kien ghax is-saqaf tbaxxa. Per konsegwenza, l-atturi sofrew danni ghax ittihdiet parti mill-arja tal-fond taghhom.

L-attrici tghid illi billi x-xogholijiet ma tlestewx, huma garrbu danni wkoll ghaliex ma jistghux jikru l-fond bir-rata li kienu qed jikruh, ossija dik ta` Lm35 fix-xahar u dana b` effett mill-15 ta` Gunju 2007 `il quddiem. Il-konvenut radam ukoll bir li hemm fl-istess fond. Il-bir kien bil-hnejjiet u jaghti minn fond ghall-iehor u cioe` minn ghand iul-konvenut ghal ghand l-atturi u minn ghand l-atturi ghal ta` warajhom, ossija Joseph Aquilina u minn wara Aquilina ghal ghand haddiehor. Skond l-attrici, dan il-bir gie mimli terrapien u baqa` ma tnaddafx, minkejja li hi u Aquilina tkellmu ma` l-konvenut u avzawh illi jekk ma kienx se jkun hemm passagg liberu tal-ilma, kienet ser tigi kkawzata inondazzjoni tal-fond ta` l-atturi u ta` terzi.

L-attrici kompliet tghid li hija qatt ma ghamlet ftehim mal-konvenut fis-sens li jitwaqqghu s-soqfa tal-fond taghha. Tat ic-cavetta tal-fond taghha lill-konvenut fil-5 ta` April 2007. Madanakollu, il-konvenut beda jutilizza l-fond ta` l-atturi bhala garage/store u latrina ghall-haddiema. L-attrici talbet (i) illi l-konvenut ilesti l-post taghha kif ftehmu; (ii) illi jhallas id-danni talli baxxa s-saqaf tal-fond taghha;(iii) illi jbattal il-bir mit-terrapien li tefa`; (iv) illi jhallasha tal-kera li tilfet mill-15 ta` Gunju 2007; (v) illi ghandu jibdlilha d-drenagg u l-madum ta` l-art; (vi) illi ghandu jaghmlilha l-aperturi godda u jibdel il-kamra tal-banju.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, l-attrici qalet li trid taghmel il-verifiki taghha jekk kenitx irceviet ittra ufficjali datata 6 ta` Mejju 2008 minghand il-konvenut. Qalet illi qatt ma kellha

cavetta f` idejha u ma setghetx taghlaq il-bieb bil-katnazz. Ikkonfermat li llum ghandha pussess tal-post u li l-pussess ilu ghandha minn mindu vvaka mill-istess post l-inkwilin. L-inkwilin taha c-cavetta dakinhar li thallas il-kont tad-dawl fis-sena 2007.

L-attrici tghid illi l-post kien ghamel xi jumejn miftuh berah u hija ghalqitu bil-katnazz, liema katnazz ghamlitu wara li l-inkwilin taha c-cavetta. Hi ma wzatx ic-cavetta li kien taha l-inkwilin peress li post thalla zdingat u bla bibien. L-attrici nnegat li tul ix-xogholijiet kienet tmur tkecci l-haddiema. Innegat ukoll li l-konvenut kien talabha diversi drabi biex ikompli bix-xogholijiet u hi ma hallicthux. Kif innegat ukoll li waqt laqgha mal-avukati, il-konvenut kien offra li jkompli bix-xogholijiet. Innegat ukoll li kienu gabulha l-madum qabel il-prezentata ta` din il-kawza.

L-attrici spjegat li l-gypsum li sar mill-konvenut nizel kollu bl-umdita` u li l-konvenut kien baqqan il-hajt kollu bla permess taghha. Ikkonfermat li d-dawl gie mghoddi pero` ma kienx hemm switches u l-arlogg tad-dawl hallewh imdendel. L-attrici sostniet li hija qatt ma zammet il-konvenut biex ikompli x-xoghol. Spjegat li ma setghetx izzomm lill-konvenut ghax dan kien baqa` jipprometti li jixtri l-post ta` l-attrici.

L-attrici rrimarkat illi fil-post kien jonqos li jsir kollox mis-saqaf sa l-art, bid-drain u l-gibjun, il-madum, il-kamra tal-banju, il-bieb ta` barra, l-antiporta, il-kcina u l-hitan. Innegat li l-antiporta haditha hi. Din l-antiporta giet deskritta bhala tal-kewba mastizz bil-hgieg laminat. L-attrici spjegat li hija qatt ma lmentat meta kien jabita fil-post l-inkwilin peress li dan kien jiehu hsieb hafna l-istess post. Innegat illi li l-konvenut kien lest jaghtiha somma biex tirranga l-post hi stess kif ukoll innegat li bl-inkwilin fil-post, hija ma setghetx tbiegh il-post. Tghid illi meta saru l-hofor ghall-pedamenti tal-pilastri, ma kellhiex cavetta u qatt ma kienet taf x` sar. Sostniet li hija qatt ma marret fuq il-post meta kienu ghaddejjin ix-xogholijiet. Bdiet

toggezzjona wara li l-inkwilin taha c-cavetta u bdiet tara l-problemi. Tafferma li kien talbet ic-cavetta lil Lapira xi darbtejn u dan qalilha li ma kellux permess jaghmel hekk.

Il-**Perit Mario Scicluna** spjega li huwa acceda fil-post ta` l-atturi wara li saru l-pilastri tal-fond tal-konvenut. Sab illi s-saqaf kien tbaxxa b` zewg filati minn kif kien originarjament. Dan kien evidenti mill-gwarnica tal-bieb ta` barra. Sab illi l-katusi tad-drenagg ma kinux mqieghda skond is-sengha u l-arti ghax ma kienux mqieghda f` linja dritta imma mserrpin ; ghalhekk il-probabilita` ta` sadd. L-ispiera ta` wara kienet mimlija b` materjal frisk u ghalhekk f` kaz ta` hafna ilma il-fond ta` l-atturi jista` jigi inondat. Sostna illi l-madum antik kellu jinbidel f` wiehed pseudo antik filwaqt li l-kamra tal-banju u l-kcina kellhom isiru mill-gdid ghax il-kommunikazzjoni tfarrket. Qal li l-aperturi u bibien interni u esterni kellhom jinbidlu billi s-saqaf tbaxxa.

Ix-xhud spjega li fic-certifikati li rrilaxxja fl-10 u 11 ta` Jannar 2008, huwa ma kienx ghamel stima tax-xoghol tal-katusi, tat-tindif ta` l-ispiera u t-tiswija taghhom, tat-tqeghid tal-madum gdid, tal-kamra tal-banju, tal-kcina u tal-aperturi. Sostna li x-xogholijiet li kellhom isiru kienu jinvolvu spiza ta` €42,000. Fisser illi fi Frar 2008, huwa kien iltaqa` mal-konvenut, mal-Perit Darren Sciberras, mal-atturi u mal-Av. Edward Debono, fejn intlahaq ftehim dwar ix-xogholijiet li kellhom isiru u sa meta kellhom jitlestew. Sostna li x-xogholijiet baqghu ma sarux u l-post ghadu mhux abitabbli.

Il-Perit Scicluna rega` xehed quddiem il-perit tekniku. Ghamel riferenza ghall-istima ta` Lm35,000 li semma fir-rapport tieghu ta` l-10 ta` Jannar 2008. Qal li dak l-ammont kien il-valur tal-proprjeta` fi stat *finished* u cioe` bix-xogholijiet rimedjali kompluti. L-ammont ta` Lm20,000 indikat fir-rapport tal- 11 ta` Jannar 2008 kien stima tal-fond fl-istat li kien fih u cioe` bil-hsara li saret wara xx-xogholijiet tal-konvenut. Id-differenza ta` Lm2,500 indikata fir-rapport ta` l-10 ta` Jannar 2008 u ta`

Lm1,429 fir-rapport tal-11 ta` Jannar 2008 tirreferi ghall-istess differenza li ssemmiet precedentement. Ghalhekk il-kamra tal-banju ma ssemmietx fir-rapporti rilaxxjati minnu, huwa hadha in konsiderazzjoni meta hareg l-istimi. Il-perit ikkonferma li l-gholi tbaxxa b` filata. Dwar l-ispiera huwa xehed illi l-*cover* taghha li kien filata taht il-livell ta` l-art tal-bitha.

**Raymond Saliba** xehed li huwa kien jikri l-fond 3, Triq Miggiani, Marsa minghand l-atturi. Dam fih madwar ghaxar snin sa l-2005. Fil-21 ta` Marzu 2007, ftiehem mal-atturi u mal-konvenut sabiex jitlaq mill-post sakemm isiru x-xogholijiet tal-konvenut u jerga` jmur lura fil-post wara li jitlestew ix-xogholijiet. Dawn kellhom idumu tlett xhur. Il-konvenut kien ihallas il-kera tal-post alternattiv fejn mar joqghod, kif ukoll id-dawl u l-ilma. Saliba kellu jibqa` jhallas il-kera ta` Lm35 fix-xahar lill-atturi. Fil-bitha tal-post tal-atturi, kien hemm bir li pero` kien vojt. Wara li bdew ix-xogholijiet fil-post ta` l-atturi, innota li s-saqaf kien tbaxxa b` xi zewg canguni zgur tant li l-locc tal-bieb ta` barra ma baqax hemm. Tkisser il-madum kollu tal-art. Sostna li qabel ix-xogholijiet, id-drenagg kien ghaddej dritt. Spjega li l-kaxxa fit-triq kienet `l isfel fi Triq Miggiani u wara x-xogholijiet telghet `il fuq. Ilmenta li minhabba l-pilastri, huwa ma setax ipoggi l-fridge u l-cooker. It-tieqa tal-faccata ckienet billi nizlu isfel. Fuq gewwa ma kienx hemm bibien u xambrelli. Ikkonferma li kien hemm dawl u ilma fil-post. Xehed illi huwa dam sena fil-post li kien kera l-konvenut ghalih bhala post alternattiv u temporanju. In segwitu inghata post alternattiv mill-Housing u ghalhekk ta c-cwievet tal-post alternattiv lill-konvenut u c-cwievet tal-fond mertu ta` din il-kawza lill-atturi.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud spjega li huwa mar joqghod fir-residenza li tawh il-Housing fit-28 ta` Marzu 2008. Fil-bitha tal-fond tal-atturi, kien hemm kaptelli mghottija bil-madum. Osserva li l-bir vojt waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet. Il-bir kien fond xi sular filwaqt li l-bokka kienet tonda b` xi tlett piedi dijametru. Ma jidhirlux li l-bir kien fih materjal izda qal li meta fethu l-kamra tal-banju, il-

haddiema radmu l-materjal mill-hofor ghall-isfel. Qatt ma ghamel uzu tal-bir. Waqt ix-xogholijiet, kien imur regolarment, gieli darbtejn fil-gimgha. Fl-ahhar okkazjoni li mar hemm osserva li ma kienx hemm l-antiporta tal-kewba li kienet bid-disinn fuq u bil-hgieg imqabbez u li l-logg u s-saqaf kienu tbaxxew. Qabel l-gholi kien ta` madwar zewg piedi u nofs. Osserva li l-*inspection chamber* tat-triq qabel kienet bejn il-bieb tieghu u l-bieb ta` gar jismu Joe Aquilina izda wara x-xogholijiet, din telghet `il fuq bejn il-bieb tieghu u t-tieqa. Dwar il-bir, kien osserva li fuqu kienet tpoggiet bicca nhama meta beda x-xoghol. Spjega li taht il-kamra tal-banju tara l-arkati. Il-blat kien rah fond. Skond Saliba, il-materjal li nqala` meta sar thaffir ghall-kolonni, kollu ntefa` fil-bir. Huwa sostna li minhabba l-pilastri, il-fond ta` l-attrici ckien u fejn qabel kellu fridge u cooker fil-kcina, issa minhabba l-pilastru, jidhol biss fridge jew cooker. Finalment, Saliba xehed illi l-locc li jaghti mill-kcina ghall-bitha, u li kien arkata, ma baqax hemm. Il-pilastri hadu spazju ta` maduma u jitilghu sas-saqaf.

**<u>Joseph Aquilina</u>** xehed illi huwa jabita fil-fond numru 5, Triq Miggiani, Marsa. Il-hsara li saret lill-attrici mill-kuntrattur `Ta` Sold Construction` imqabbad mill-konvenut, harget ukoll fil-post tieghu. Huwa kien ikun fuq il-post kuljum peress li l-post tieghu kien gie bla sigurta` billi l-fond ta` l-attrici kien thalla madwar tlett xhur minghajr bieb ta` barra. Taht il-kamra tal-banju, waqt li kien qed isir it-thaffir ghall-pedamenti tal-pilastri, huwa osserva bir vojt li jigi wara l-kcina li ghandu fil-basement. Il-bir kellu hajt dobblu mal-kcina tieghu ibbattmat. Il-hitan l-ohra tal-bir kienu parti mill-blat tal-bitha. Kif tohrog ezatt fil-bitha, kien hemm spiera li tigi hdejn il-bir, pero` separata minnu. L-ispiera hija fonda zewg sulari. Il-haddiema tal-kuntrattur tal-konvenut raddmu l-bir u l-ispiera bit-terrapien u l-konkos.

Meta xehed f`okkazjoni ohra, ix-xhud spjega li huwa kien osserva li l-bir kien vojt. Kien jikkonsisti f` hajt dobblu ma` l-appogg tieghu. Il-kuntrattur qala` l-hajt dobblu tal-bir sa l-appogg tieghu biex joqghod il-pilastru u ngasta wkoll

il-pilastru fil-hajt divizorju. Saret hafna hsara ghad-dannu tieghu tant li pprezenta protest. Huwa nduna li l-konvenut kien qed jordom bir iehor fil-bitha ta` l-fond tal-atturi, liema bir huwa katina mal-kumplament ta` bjar fi Triq Miggiani. Huwa ra b`ghajnejh il-haddiema jitfghu l-iskart tal-gebel li qatghu fil-bir. Huwa inkwieta hafna meta nghata l-konkos tal-pilastru u dana ghaliex l-overflow tad-drenagg ta` l-atturi gie mblukkat bl-istess pilastru u minhabba f` hekk, beda jidhollu l-ilma li kien jitfa` l-kuntrattur fit-torba. Fil-bitha ta` l-fond tal-atturi nstab bir iehor forma ta` spiera xi tlett piedi dijametru li gie mirdum bl-iskart tal-blokka kollha.

Aquilina kompla jixhed illi huwa jiftakar kif kien il-post ta` l-attrici qabel bdew ix-xogholijiet. Il-konvenut ha zewg filati mill-gholi, tant li l-locc tal-bieb ta` barra ckien u l-bieb qatghulu minnu. Il-madum tal-post ta` l-atturi kien imkisser kollu mill-haddiema tal-konvenut u dan baqa` ma trangax. Tkissru wkoll il-bibien interni u twahhlu wara li naqsulhom mill-qies minhabba l-bieb ta` barra, li qatghulu mill-qiegh. Dwar l-ispiera sostna li din kienet fonda xi zewg sulari u fuqha saret l-*inspection* tad-drenagg. Huwa kien imhasseb bil-fatt illi jekk jiskula d-drenagg, dan kien se jinfed ghal gol-bjar. Saret wkoll *Y* mal-katusi tad-drenagg li taghti ghall-bitha, fuq l-ispiera u wara *Y* ohra ghal barra. Indika dan kollu fuq skizz.

Aquilina kompla jixhed li l-fond 5 huwa proprjeta` tieghu. Il-fond ta` l-atturi kien imiss ma` tieghu fil-pjan terran u l-basement. L-arja tal-fond 5 kienet propjeta` tieghu wkoll. Bl-izvilupp li ghamel il-konvenut, l-ewwel intlaqtet l-attrici u wara gie affettwat il-fond tieghu. Meta telghu l-pilastri, huwa ra li l-katusa kienet nghalqet. Fisser li ghandu bir li jinfed mal-bir tal-fond ta` tahtu, `l isfel minnu. Ghamel enfasi fuq il-fatt illi l-fond tal-atturi ghandu zewgt ibjar li gew mirduma t-tnejn mill-haddiema tal-konvenut. Osserva l-bieb ta` l-attrici miftuh u dahal fil-bitha u kien ghoddu waqa` fil-bir. Qabel il-bitha kienet bl-art normali ossija bic-cangaturi tal-madum. Meta dahal, huwa

ra cirku tond ta` bir b` dijametru ta` madwar tlett piedi jew ftit inqas. Il-bir deher b` xi tlett filati mirduma fil-qiegh.

Aquilina spjega li xhin il-haddiema haffru ghall-katusa vicin il-pilastru ta` wara nifdu ghal taht minn fejn beda gej kurrent ta` arja qawwija. Qabel ma l-konvenut saqqaf il-basement u pogga l-planki, il-gibjun kien jidher li jidhol sa taht il-fond tal-atturi. Il-fond li kien imiss ma` tal-attur, il-1 kien jinsab fuq l-arkati ta` dan il-gibjun. Din il-giebja nkixfet meta l-konvenut taqqab ghall-pilastru fil-fond 1. Ikkonferma li huwa mar fil-post ta` l-atturi meta taqqbu ghall-pilastru ta` wara fil-fond ta` l-attrici. U osserva li nkixef bir tawwali bhal giebja li qeghda taht il-kamra tal-banju ta` l-fond tal-atturi u li taghmel parti mill-bitha. Huwa kien jaf b` dan il-bir minn qabel peress li l-post tieghu hu taht il-livell tal-post ta` l-atturi u fis-sajf dan il-bir kien inixxi. Hu spjega li madwar tmintax-il sena ilu, huwa kien baqqan dan il-hajt u ksieh b` qoxra u bil-madum. Il-bir ta` taht il-kamra tal-banju kien intradam u nghata l-konkos fil-wicc bl-istess materjal tal-plastik. Dan il-bir jifforma parti minn katina ta` bjar fi Triq Miggiani kollha. Aquilina kien cert minn dan tant li l-izviluppatur tal-fond 9-11 kien urieh gandott li jibqa` diehel sa taht il-post 7. Minn hemm ra gandott li jibqa` tiela` sal-bir tieghu u tal-post `l isfel minnu bin-numru 7.

Aquilina pprezenta sett ritratti li juru li l-katina tal-bjar ta` Miggiani Street. Il-bir tieghu kien jinghaqad mal-bir tal-fond 9-11 permezz ta` kanal. Il-kanal jibda mid-dar tieghu sad dar 11. Ikkonferma li l-fond tal-attrici kellu zewgt ibjar mqabbdin ma` tieghu. Spjega wkoll li huwa kien nizel fil-post 11 u xamm riha tinten ta` ilma qieghed fil-kantina.

**<u>Mario Lapira</u>** jixhed illi kien impjegat tal-konvenut. Kien jiehu hsieb id-*day-to-day running* tax-xogholijiet li saru fil-Hamrun skond l-istruzzjonijiet tal-perit inkarigat. Qabel bdew ix-xogholijiet fil-fond ta` l-atturi, huwa ma hax kejl peress li dan kien f` idejn il-perit. Fil-post ta` l-atturi, kien hemm saqaf tax-xorok bit-travi imdendlin. Minflok sar saqaf tal-konkos. Ma kienx hemm differenza hlief fil-

materjal, ghalkemm ma tax kaz jekk kienx hemm xi differenza fil-gholi. Huwa kien jikkomunika ma` perit jismu Darren fl-ufficcju tal-Perit Edwin Mintoff li kien imur regolarment fuq il-post jew meta jinqalghu diffikultajiet. Meta sar is-saqaf, il-perit mar jara l-hadid tal-kolonni u xoghol ta` konkos. Is-saqaf tal-fond 3 Triq Miggiani kien tal-planki. Il-perit kien jikkomunika mal-konvenut. Tnejn kienu l-kolonni li saru – wahda fuq gewwa u l-ohra fuq il-faccata. Ma setax jiftakar jekk il-kolonni gewx ingastati fil-hajt pero` l-perit seta` jghid ahjar ghax kellu d-drawings. Fuq il-kolonni hadu xi gimghatejn xoghol. Il-kolonni saru skond id-drawings. Ix-xoghol fil-fond ta` l-atturi dam ghaddej xhur. Taht il-bitha ta` wara ma kien hemm xejn. Hemm sar inspection chamber kif tohrog mill-bitha biex jkunu jistghu iseffdu. Fil-bitha, kien hemm madum biss. Ghalhekk qalghu il-madum biex ghamlu l-inspection box. That il-madum kien hemm ir-radam.

Ix-xhud kien muri ritratt li kien ezebit flimkien mar-rapport tal-perit Mario Scicluna datat 11 ta` Jannar 2008. Spjega li z-zewg hnejjiet li jidhru hemm jinsabu fis-sit tal-konvenut u kartabun ma` l-appogg tal-fond ta` l-atturi. Ma setax jiftakar kienx hemm aktar minn zewg hnejjiet. Taht il-bitha ta` l-fond tal-atturi, apparti l-inspection box, ma sar xejn izjed. Fil-gewwa tal-fond tal-atturi, saru diversi xogholijiet fosthom il-conduit, dawl, kisi bil-gibs u qlugh ta` madum. Kien ippjanat li tinbidel il-kamra tal-banju, il-madum taghha u anke l-madum ta` l-art. Ma setax jiftakar meta wera s-samples tal-madum lill-attrici. Kien jaf bil-ftehim bejn l-attrici u l-konvenut izda mhux id-dettalji. Ic-cavetta tal-fond ta` l-atturi kienet ghand il-bennejja u l-finishers. Jaf li f`okkazjoni minnhom, l-attrici talbitu c-cavetta u peress li l-haddiema kien ikollhom l-ghodda gewwa, huwa ma kienx taha c-cavetta. Wara sab il-katnazz midbul u minn dakinhar ma dahalx izjed. Dan kien lejn l-ahhar xahar u nofs qabel ma` spicca jahdem mal-konvenut.

Ix-xhud fisser illi huwa ma kienx nghata struzzjonijiet biex ma jhallix lill-attrici tidhol fil-fond. Ghal kuntrarju,

kienu jsiru meetings regolari ma` l-attrici fuq il-post. Darba kien gie rapprezentant tas-Sanita jiccekkja kif kienu mqeghda d-drains. Dan ma kienx sab kontravvenzjoni. Da parti taghhom, kienu ghamlu partijiet fejn setghu iseffdu bis-sufun fil-bends. Il-perit kellu pjanta tad-drains. Spjega li huwa kien jimxi skond l-istruzzjonijiet ta` l-perit. Sostna li kien hemm il-medda u qabbdu maghha, kemm fuq gewwa meta ghamlu l-inspection box u kif ukoll fuq barra meta ghamlu l-kolonna. Spjega li l-kaxxa ta` barra baqghet fejn kienet u li kienu daru mal-kolonna bl-*easybends* u ghamlu wkoll minn fejn isseffed.

Lapira xehed ukoll bl-affidavit fejn insista li waqt li l-konvenut kien ghaddej bix-xoghol fil-post ta` l-atturi, l-attrici kienet qalghet il-katnazz li tieghu kellu c-cavetta u poggiet katnazz iehor biex l-konvenut u l-haddiema tieghu ma jkunux jistghu jidhlu. Dik kienet ir-raguni ghala kienu waqfu mix-xogholijiet. Meta kien qed isir il-finishing, l-attrici kienet ta` spiss tghajjat mal-haddiema ; wiehed minnhom certu Mario Tabone qabad u telaq minhabba fl-attrici. Din kienet tilmenta dwar il-‘finshings’. Dwar il-kostruzzjoni, qatt ma lmentat. Sostna li l-fond tal-atturi qatt ma thalla miftuh berah ghalkemm jista` jkun li ghamel xi granet miftuh waqt il-kostruzzjoni sakemm sar il-bieb alternattiv. Fisser illi ghamel zmien twil jigri bis-samples tal-madum fil-karrozza tieghu halli jurihom lill-attrici. Fi tlett okkazzjonijiet differenti, wera samples lill-attrici biex b` hekk jkun jista` jitkompla x-xoghol. Dwar l-antiporta, din ittiehdet f` garaxx il-Mosta ghal *safe keeping* u kellha titwahhal lura fil-post wara li jitlesta x-xoghol.

Il-*health inspector* **Andrew Camilleri** xehed li kien mitlub minn Joseph Aquilina biex nispezzjona l-fond 2, Triq Miggiani, Marsa. Mar fuq il-post fis-17 ta` Dicembru 2007 izda ma setax jidhol ghaliex ma kienx hemm cwievet biex jifthu. Mar fit-18 ta` Gunju 2008 meta l-alterazzjonijiet fuq il-katusa kienu diga` saru. Billi l-atturi kienu s-sidien tal-katusa, huma kienu responsabbli taghha. Meta acceda fuq il-post, il-katusa kienet lesta u mirduma. Seta` jinduna mill-mod kif kienu l-kaxex tad-drenagg kif kienet

ghaddejja l-katusa. Il-katusa ma kenitx mibnija b`mod li tiffacilita` l-flow tad-drenagg ghax kien fiha hafna bends u kienet isserrep wisq. Ikkonferma li f`xoghlu huwa dejjem jirrikmanda li l-materjal tal-katusi jibqa` uniformi u ta` l-istess tip ghall-katusi kolha. F`dan il-kaz, irrizulta li l-medda l-originali qatt ma nqalghet. Billi l-post kien qadim, il-katusa probabilment kienet tal-fuhhar. Il-gulley kienet tal-plastik. Ix-xogholijiet li jsiru llum normalment isiru tal-plastik. Huwa ma ppruvax il-katusa. Apparti l-materjal uzat u l-bends, huwa ma kkonstata xejn aktar hazin fil-katusa.

**<u>Il-konvenut</u>** xehed illi fix-xogholijiet li saru fil-fond ta` l-atturi, dejjem kien involut il-Perit Edwin Mintoff. Kollox sar taht is-supervizjoni tieghu. Dan iddelegat lill-Perit Darren Sciberras biex jiehu hsieb ix-xogholijiet. Mario Lapira kien il-projects manager u kien izomm kuntatt mal-Perit. L-attrici kienet kwazi dejjem tkun prezenti fuq is-sit u qatt ma ressqet oggezzjoni ghal dak li jirrigwarda t-toqob li saru ghall-pilastri u ghall-bdil tas-saqaf. L-oggezzjonijiet bdew wara li beda l-finishing u l-upgrading tal-post taghha.

Il-konvenut spjega li huwa kien xtara l-fond 1 u 2, Triq Miggiani. Ipprova jakkwista wkoll il-fond ta` l-atturi izda n-negozju ma sehhx. Lahaq ftehim ma` Ray Mifsud li jaghtih appartament bi skambju mad-dar tieghu. Minkejja li lahaq ftehim ma` Ray Mifsud, ma wasalx ghal ftehim ma` Aquilina u Cremona. Meta twaqqa` l-post li kien originarjament ta` Ray Mifsud, kien nfurmat bil-bzonn li jittellghu zewg pilastri mill-pedament sabiex ikun jista` jitkompla l-izvilupp. Kien ghalhekk li kellem lill-attrici u waslu fi ftehim li hu jkun jista` jaghmel il-pilastri b`dan illi jibqa` responsabbli ghal kwalunkwe hsarat. Ha hsieb li jsib post alternattiv ta` abitazzjoni ghall-inkwilin sakemm isiru x-xogholijiet. Biex hareg l-inkwilin, weghdu li l-post tieghu kien sejjer jaghmlu ahjar milli kien, billi jinbidel id-dawl minn casing ghal conduit u kullimkien isir bil-gypsum. Ghalhekk l-inkwilin accetta li johrog mill-fond ta` l-atturi. Il-

konvenut sab post alternattiv ghall-inkwilin u bdew ix-xogholijiet.

Il-konvenut stqarr li waqt li kien qed isir ix-xoghol strutturali, f`ebda hin ma ssemma mill-attrici li kien hemm bir. Lanqas qatt ma oggezzjonat dwar il-piles u pilastri tal-konkos. Kien meta nbdew il-finishings li l-attrici bdiet tilmenta u tghajjat mal-haddiema. Sahansitra u sa anke kecciethom. Huwa pprova jkompli bix-xogholijiet pero` l-attrici ghalqet il-post b`katnazz. Huwa nehha l-katnazz u ghamel iehor. Ftit wara l-attrici rega` bidlet l-katnazz. Ipprova jasal f`arrangament ta` bejgh ma` l-attrici izda din kienet bdiet titlob prezz oghli hafna.

Il-konvenut spjega li huwa kellu relazzjoni tajba ma` l-inkwilin Saliba. Izda dan kien iddecieda li jiehu sufan li kellu ghand tappizzar biex jiksieh mill-gdid a spejjez tal-konvenut. Il-konvenut ma kienx accetta li jhallas ghal tali spiza. Saliba hadha kontrih u minn dakinhar `il quddiem ghamillu hafna hsara. Meta Saliba kien ghadu ghaddej bil-kirja ma` l-atturi, huwa tramite Mario Lapira, kien jinsisti ma` Saliba biex dan ihallas il-kera u gieli anke tah il-flus tal-kera biex l-atturi zgur jithallsu.

Il-konvenut xehed ukoll li kellu relazzjoni tajba ma` Guzi Aquilina sakemm tella` l-binja tieghu. Malli wasal mal-livell ta` l-appogg tieghu, halla tieqa li kienet servitu ghal fuq l-arja tieghu. Halla tieqa wahda miftuha minflok it-tnejn li kien hemm originarjament. Billi zamm id-dritt ta` tieqa, Aquilina hadha kontra tieghu. Il-konvenut spjega li huwa waqaf mix-xoghol peress li l-attrici fethet din il-kawza u l-post regghet sakkritu.

Il-konvenut xehed illi x-xoghol ma tlestiex tort tal-attrici ghaliex ma hallietx lill-haddiema jlestu l-finishing. Ipprezenta sett ritratti (Dok PH1 sa PH6) li minnhom kien jidher car li l-attrici ma hallietx lill-haddiema jiksulha l-faccata taghha. Il-konvenut wera l-katnazz li nbidel biex

huwa ma jidholx. Huwa ghamel rapport lill-pulizija wara li nbidel l-ewwel katnazz. Il-konvenut insista li l-attrici ma hallietux jaghmel ix-xoghol ta` gewwa u lanqas ix-xoghol tal-faccata. Huwa kien ta lill-attrici kampjuni ta` madum differenti biex jitpogga fil-post izda l-ghazla taghha ma waslet qatt. Qal li huwa ma xtaqx li jsiru soqfa godda minhabba l-ispejjez, pero` l-Perit kien insista li kien hemm bzonn li jsiru dawn ix-xogholijiet.

Il-konvenut ighid illi meta ftiehem ma` l-atturi, ma ssemmiex kumpens. Il-ftehim kien illi jitranga l-post mill-istat dilapidat li kien fih ghal post imsewwi b`dawl u ilma godda u kisi tal-gibs. Intrabat ukoll li jirrimedja ghal kull hsara li ssir. Kien lest jonora l-obbligi tieghu jekk l-attrici thallih. Biex issir il-faccata, u jitlestew ix-xogholijiet fuq gewwa li kienu diga` mibdija, kien ser jiswa hafna izjed peress li l-haddiema lahqu telqu mill-lant. Pero` huwa kien lest jipprocedi xorta wahda. Dwar il-kantuni ta` l-gebel li hemm fuq l-ghatba tal-bieb, il-konvenut spjega li dawk tqeghdu mill-attrici jew minn xi hadd imqabbad minnha sabiex jinghalaq l-access avolja kien hemm il-katnazz. Il-konvenut ipprezenta sett ritratti li juru li x-xaft ta` l-post tal-atturi mhux lest. Ghalkemm is-shaft tal-fond tieghu kien kollu lest, dak tal-atturi ma kienx ghax ma thalliex ilesti x-xoghol.

Fil-**kontroezami**, il-**konvenut** xehed illi d-data li tissemma fl-ahhar paragrafu tal-ftehim tat-30 ta` Marzu 2007 kienet tirreferi ghax-xoghol ta` kostruzzjoni tal-pilastri. Fil-fatt dawn tlestew ftit gimghat biss wara d-data miftehma. Il-konvenut ikkonferma li sad-data tal-prezentata tal-kawza, ix-xoghol ma kienx ghadu lest ghaliex l-attrici ma halliethomx ikomplu. Meta saret il-kawza, id-drenagg kien lest. L-istess l-istallazzjoni tad-dawl u l-ilma. Il-kamra tal-banju ma tlestietx ghaliex l-attrici baqghet ma ghazlitx il-madum u lanqas ma hallietu jlesti. Dwar il-katusi tad-drenagg, ighid illi halla f`idejn il-perit. Ikkonferma li z-zewg twieqi u gallarija li hemm fuq il-bitha ta` l-fond tal-atturi kienu hemm qabel.

Il-**Perit Darren Sciberras** xehed illi s-saqaf tal-fond ta` l-atturi nbidel ghal ragunijiet strutturali ghalex b`ebda mod ma` seta` jibqa` hemmhekk minhabba l-hsarat li kellu kif ukoll minhabba l-esigenzi tal-izvilupp. Is-saqaf originali kien bix-xorok u bit-travi ta` l-injam ; it-travi kellhom hxuna ta` xi ghaxar pulzieri, waqt li x-xorok kienu zewg pulzieri. Inzamm il-wicc tax-xorok l-originali meta sar is-saqaf il-gdid bil-konkos.

Il-Perit Sciberras spjega li fil-bitha ma kienx hemm bir. Sostna li ma saru l-ebda xogholijiet fil-bitha ta` l-post tal-atturi. L-unika haga li saret kienet manhole ghas-sistema tad-drenagg, li kienet ezatt barra quddiem il-bieb tal-bitha. Is-sistema tad-drenagg kellha bzonn tinbidel billi l-pilastri l-godda saru fejn kien hemm il-medda originali. Is-sistema l-gdida saret kif titlob is-sengha u l-arti tant li kienet mizjuda manhole fejn qabel ma kienx hemm. Qabel ma bdew ix-xogholijiet, saret laqgha ma` l-attrici fejn kien spjegat bil-pjanti x-xogholijiet li kienu ser isiru. Kull ma sar fil-proprjeta` tal-atturi sar bil-kunsens taghhom. Xehed illi l-attrici ma kinitx tkun prezenti kull darba li huwa kien jaghmel spezzjoni pero` kkonferma li kull decizjoni li ttiehdet fl-ahjar interess taz-zewg partijiet. Waqt il-kostruzzjoni, qatt ma nqala` dizgwid. L-inkwiet mill-attrici beda fl-istadju tal-finishing tal-post taghha wara li tlestiet l-istallazzjoni tad-drenagg. Qatt ma nghata struzzjonijiet ohra mill-atturi fir-rigward ta` finishes jew servizzi infrastrutturali bhal drenagg.

Il-perit ighid illi l-post ta` l-atturi kien dilapidat ghax il-madum, iz-zebgha, il-kundizzjoni strutturali tieghu, u s-servizzi kienu qodma u fil-bzonn ta` manutenzjoni. Id-dawl kien bil-casing, l-ilma bil-kanen tal-hadid u d-drenagg tal-fuhhar. Is-saqaf kellu fih diversi hsarat bhal qsim fix-xorok, konsenturi taht l-irjus tat-travi u fili miftuha bejn ix-xorok. Ghalhekk ix-xogholijiet li saru mill-konvenut fil-proprjeta` ta` l-atturi ghollew il-valur tal-fond tal-atturi ghaliex saru materjali godda fl-istruttura u fl-infrastruttura tal-post.

Fil-**kontroezami**, il-**Perit Sciberras** xehed li l-post tal-atturi kellu izjed minn erbghin sena u kellu bzonn manutenzjoni urgenti. Jaf li fil-post kienet toqghod persuna. Qabel bdew ix-xogholijiet, kien hejja `condition report`. Is-servizzi fil-fond kienu jahdmu. Il-madum ta` l-art kien terrazzo antik. Fil-bathroom kien hemm ceramika antika li kellha wkoll xi hsarat. Fisser illi l-floor-to-ceiling height tal-post naqas pero` il-clear height ma naqasx. Tal-ewwel naqas b`xi tmien pulzieri. Huwa hejja l-pjanti li fuqhom sar il-ftehim bejn il-partijiet. Spjega li hu ghamel zewg pilastri : tal-faccata huwa integrali god-doblu tal-faccata filwaqt li l-pilastru ta` hdejn il-bathroom ghandu erba` pulzieri u nofs integrat fil-hajt tal-appogg u l-kumplament jesporgu `l barra. Muri ritratt a fol 15, ikkonferma li dak juri giebja fil-proprjeta` tal-konvenut. Taht ma kienx jaf x`hemm ghax ma haffirx. Lanqas seta` jghid jekk il-giebja hijiex interconnected bejn il-proprjeta` tal-konvenut u l-proprjeta` ta` l-atturi.

Il-perit spjega li huwa ma kienx jaf li l-proprjeta` tal-konvenut u dik ta` l-atturi kienu ta` l-istess sid u mix-xogholijiet ma kien hemm xejn x`jindika li dan seta` kien il-fatt. Dwar terminu biex jitlesta l-appalt, dik ma kenitx kwistjoni tieghu. Huwa kien involut fit-teknika. L-ohra kienet kwistjoni li kienet f`idejn Mario Lapira. Ikkonferma li sabiex isiru l-pilastri kellu jitkisser il-madum tal-art ; hekk sar bil-kunsens ta` l-attrici. Il-ftehim kien li parti mill-pilastru ta` wara jesporgi fil-proprjeta` ta` l-konvenut. Fisser illi sabiex saru l-hofor ghall-pilastri, ix-xoghol ma kienx facli billi kellu jinzel sal-blat fond ta` xi hames filati u nofs. Ghalhekk kellu jwessa` l-blokka biex ikun jista` jaghmel il-bazi tal-pilastru f` dak il-fond. Ma setax jahdem mod iehor. Il-perit ipprezenta kopja ta` rapport datat 2 ta` Novembru 2006 li sar mill-Perit Benny Cortis.

Dwar il-kisi bil-gypsium, il-perit spjega li skond is-sengha u l-arti, qabel issir il-kisi, irid jitbaqqan il-hajt sabiex ix-xoghol jaqbad. Mhux minnu li x-xoghol tal-gypsum kien fl-istat li ddeskrivietu l-attrici. L-unici

xogholijiet li kienu mhux kompluti kienu t-twahhil ta` l-antiporta u l-kcina. Ma sarux ghax l-attrici waqqfet ix-xoghol meta bidlet il-katnazz u l-haddiema spiccaw bla access.

**Ikkunsidrat:**

## III. <u>Ir-relazzjoni peritali</u>

Din hija <u>**sintesi**</u> tal-konsiderazzjonijiet tal-perit tekniku :-

### a) <u>It-tlestija tax-xoghol fil-post tal-atturi</u>

Il-perit tekniku ha nota tal-fatt illi l-ilment ta` l-atturi kien fis-sens illi ma tlestix ix-xoghol tad-drenagg, tal-kamra tal-banju, it-twahhil tal-madum ta` l-art, il-bibien u tieqa.

Ghar-rigward tad-drenagg, il-perit tekniku jghid hekk –

"*n-numru ta` bends u kif ukoll it-tibdil fil-materjal johloq riskju ta` sadd. Il-bends u kif ukoll il-gonot fejn ikun hemm differenza fil-materjal huma suggetti li jzommu l-hmieg li jwassal ghas-sadd. Ghalhekk dawn il-bends u gonot ghandhom jigu evitati internament (fejn ma jkunx hemm inspection boxes). Ma jistghux isiru inspection boxes internament kulfejn ikun hemm bend jew gonta billi inspection boxes fuq gewwa ghandhom jigu evitati minhabba r-riha. Oltre minn hekk, il-post ta` l-atturi tant huwa zghir illi kien ikun aktar vijabbli fl-ewwel lok illi ssir medda gdida (tal-plastik) u dritta mill-inspection box fil-bitha ghall-inspection box quddiem il-bieb ta` l-atturi ... minflok isiru l-bends u l-gonot kollha li saru mill-konvenut ... L-ispustament ta` l-inspection box fit-triq ifisser illi*

*jkollha tigi modifikata l-medda li tqabbad l-istess inspection box mal-mains tad-drenagg, liema medda ma jirrizultax li giet modifikata. Oltre minn hekk, ix-xogholijiet li ssemmew li ghandhom isiru fil-paragrafi precedenti, jinnecessitaw bdil tal-katusi interni sabiex jigu jisparaw direttament ghall-inspection box fit-triq, indipendentament minn din l-inspection box gietx spustata jew le.”*

Kien riskontrat mill-perit tekniku l-fatt illi l-kamra tal-banju, il-madum ta` l-art, il-madum tal-hajt tal-kcina, it-twahhil ta` l-anteporta, tal-bieb ta` barra, tal-bieb tal-bitha u tal-bieb tal-kamra tal-banju baqghu ma sarux.

**b) <u>It-tindif tal-bir</u>**

Il-perit tekniku jghid hekk :-

“*Ix-xhieda ta` l-atturi, li qalu li raw l-ispiera u l-bir setghu kienu qed jaraw il-hofor fl-art li saru mill-konvenut ghall-inspection box fil-bitha u ghas-sieq tal-pilastru rispettivament u ghalhekk jekk kien hemm spiera u bir dawn setghu kienu diga mirduma.*

*L-atturi ma ressqux provi li huma kellhom xi mezzi li permezz taghhom kienu jtellghu xi ilma mill-ispiera jew mill-bir.*

*Ir-ritratti pprezentati mil-atturi mar-rikors gurament (Dok `O` a fol 15) juru giebja lil hinn mill-bitha fil-kwistjoni, fi proprjeta` tal-konvenut u mhux ta` l-atturi.*

*Id-daqs tal-bitha ta` l-atturi (10 piedi fond bi 12-il pied wiesgha li f` parti sostanzjali minnha hemm mibnija l-kamra tal-banju) hija zghira wisq biex tippermetti spiera u giebja adjacenti inkluz il-hitan relattivi. Oltre minn hekk, l-ispiera kienet normalment tkun usa minn tlett piedi ghal ragunijiet t` access ghall-baqqunier.*

*Ir-rikors guramentat ta` l-attrici jsemmi bir filwaqt illi r-rapport tal-Perit Scicluna jsemmi spiera."*

**c) <u>Id-dawl u l-ilma</u>**

Il-perit tekniku jghid li fadal li jsiru s-switches, u x-xoghol tad-dawl u ta` l-ilma fil-kamra tal-banju tal-post tal-atturi.

**d) <u>Il-kisi tal-hitan</u>**

Il-perit tekniku jghid illi l-kisi ta` tal-hitan jirrikjedi li jsir tbaqqin skond l-arti u s-sengha. Ighid ukoll – "*Billi wara l-kisi tal-hitan ikun mehtieg ukoll li l-hitan jinghataw zewg passati zebgha wara li jsiru xi rtokki u billi dan ix-xoghol (fuq gewwa) normalment isir wara t-tqeghid tal-madum, l-esponenti qed jikkonsidra wkoll illi x-xogholijiet tal-hitan ghandhom jinkludu wkoll zewg passati zebgha wara li jitlesta x-xoghol tal-madum imsemmi aktar qabel."*

**e) <u>Il-likwidazzjoni tad-danni</u>**

**i) <u>Telf ta` kiri wara l-15 ta` Gunju 2007</u>**

Il-perit tekniku jikkonkludi illi jekk l-atturi ghandhom dritt ghall-hlas ta` danni ta` din ix-xorta, il-quantum ghandu jkun limitat ghal dawk ix-xhur fejn l-inkwilin ma hallasx kera meqjus il-fatt illi wara Mejju 2008, il-konvenut ma kien inghata access ghall-fond ta` l-atturi.

**ii) <u>Tbaxxa l-gholi tal-fond tal-atturi</u>**

Il-perit tekniku jghid hekk –

"*L-gholi intern mill-art tal-madum tas-siment dekorattiv sal-qiegh lixx u miksi tas-saqaf tkejjel mill-esponent Perit Tekniku waqt l-access bhala tlieta punt wiehed erbgha metri (3.14 m) . Ghalkemm huwa minnu illi l-floor to ceiling height ma naqasx jekk tikkunsidra t-travi mdendla, l-esponent jikkonsidra illi l-ispazju li kien hemm bejn dawn it-travi kien proprjeta` ta` l-attrici billi dan kien jinsab fil-fond tal-istess attrici. Hija l-umli opinjoni ta` l-esponenti Perit Tekniku illi ghalkemm it-travi tal-injam kienu jsostnu x-xorok tas-saqaf komuni, il-linja medjana bejn il-proprjeta` ta` l-atturi u l-proprjeta` tal-konvenut kienet tghaddi dritta orizzontalment f` nofs ix-xorok. Mix-xhieda tal-Perit Darren Sciberras jirrizulta ghalhekk illi l-konvenut okkupa seba` pulzieri (18cm) mill-proprjeta` ta` l-atturi.*"

**Ikkunsidrat :**

## IV. <u>Piz probatorju tar-relazzjoni peritali</u>

Il-kostatazzjonijiet, konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet ta` natura teknika li jsiru minn perit mahtur mill-Qorti jikkostitwixxu prova importanti ghall-gudikant biex ikun jista` jasal ghad-decizjoni tieghu.

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza "**<u>Calleja vs Mifsud</u>"**, il-Qorti ta` l-Appell irriteniet li :-

"*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostittwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti . Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero` huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti bili l-Qorti ma kellhiex*

*leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikorsta` l-apell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B` danakollu dan ma jfissrix illi l-qorti ma kellhiex thares b` lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika."*

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*), fl-istess waqt , dak ma jfissirx li "*qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunjiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikun privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami."*("**Grima vs Mamo et noe**" – Qorti ta` l-Appell – 29 ta` Mejju 1998).

Ghalhekk, "*qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzzjoni ta` tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta. Din il-kovinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.*" (**"Cauchi vs Mercieca"** – Qorti ta` l-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 u **"Saliba vs Farrugia"** – Qorti ta` l-Appell – 28 ta` Jannar 2000).

Dan premess, din il-Qorti tikkostata hi bhala fatt illi wara li l-perit tekniku halef ir-rapport tieghu, il-konvenut ipprezenta nota fejn, fit-terminu li tghid il-ligi, talab il-hatra ta` periti addizzjonali. Fl-istess waqt tosserva illi fl-udjenza tas-16 ta` Jannar 2012, il-konvenut irrinunzja ghat-talba ghall-hatra ta` periti addizzjonali. Tirrileva wkoll li l-ebda parti ma talbet li teskuti l-perit tekniku. Fil-fatt kull

parti llimitat ruhha li taghmel biss sottomissjonijiet finali bil-fomm fl-udjenza fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta` Gunju 1967 fil-kawza "**<u>Bugeja et vs Muscat et</u>"** fejn kien inghad hekk – "*il giudizio dell` arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli.*"

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>Rizultanzi</u>**

**1) <u>L-ewwel talba</u>**

Fil-konkluzzjonijiet tar-relazzjoni, il-perit tekniku jghid hekk a fol 104 u 105 :-

"*Il-konvenut ghandu jaghmel is-segwenti xogholijiet ta` tlestija fil-fond ta` l-atturi 3, Triq Miggiani, Marsa :-*

*1. Ix-xogholijeit tad-drenagg isiru mill-gdid permezz ta` katusa tal-plastik (heavy duty) li tibda mill-inspection box fil-bitha u tohrog dritta sal-inspection box fit-triq. Id-drains tal-kamra tal-banju u tal-kcina jigu kkumnikati ghal gully fil-bitha u l-inspection boxes ghandhom ikunu miksija u maghluqa sewwa b` ghatu li facilment jinqala`.*

*2. Il-kamra tal-banju tinbidel u jsir ukoll il-madum mal-hajt tal-kcina (sal-gholi ta` zewg metri mill-art).*

*3. Il-madum tal-art ta` gewwa jinbidel b` madum ta` siment dekorattiv u l-madum tal-bitha jinbidel ukoll b` madum tac-ceramika.*

*4. Issir l-istallazzjoni tal-antiporta tal-kewba li kienet bid-disinn fuq u bil-hgieg imqabbez, jinbidel il-locc tal-injam tal-bieb ta` barra li jinkludi l-hadid, jitwahhal u jinzebagh il-bieb tal-bitha u jsir il-bieb tal-kamra tal-banju.*

*5. Jitwahhlu l-iswitches fil-post u jsiru x-xogholijiet tal-ilma u tal-elettriku fil-kamra tal-banju.*

*6. Isir il-kisi/tikhil tal-faccata u kif ukoll zewg passati zebgha tal-hitan kollha inkluz il-faccata u l-bitha."*

Illi fir-rigward tat-terminu sabiex isiru dawn ix-xogholijiet, il-perit tekniku huwa tal-fehma li l-konvenut ghandu jinghata zmien xahrejn sabiex ilesti dawn ix-xogholijiet b`dan illi l-atturi jkunu obbligati jaghtu access lill-konvenut biex ikun jista` jigi ezegwit ix-xoghol.

Din il-Qorti qieset b`reqqa l-kostatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet peritali fil-kuntest tal-assjem tal-provi akkwiziti u tistqarr minghajr l-icken esitazzjoni li hija tikkondividi l-fehma tal-perit tekniku dwar ix-xogholijiet li ghad fadal isiru mill-konvenut u t-terminu li ghandu jigi allokat sabiex tali xogholijiet jitlestew.  Tghid illi ma hemm xejn xi jwassalha biex tiddiskosta ruhha mill-fehmiet espressi mill-perit tekniku.

## 2) <u>It-tieni talba</u>

A fol 96, hemm l-istima tal-spejjez li jigu nkorsi sabiex isiru x-xogholijiet fuq elenkati u ordnati li jsiru fl-ewwel talba. Il-perit tekniku, ghal kuntrarju tal-perit ta` fiducja ta` l-atturi, ikkonkluda li x-xogholijiet kollha li ghandhom isiru fil-fond tal-atturi jammontaw ghal €7,160. Din il-Qorti tqis bhala wisq aktar ragonevoli l-istima tal-

perit tekniku. U kwindi mhijiex sejra tiddiskosta ruhha minnha. Naturalment is-sahha ta` din l-istima tiskatta biss jekk wara li jkun inghata access mill-atturi ghall-fond taghhom, il-konvenut xorta wahda ma jlestix ix-xoghol fiz-zmien ta` xahrejn li qieghed jinghata.

**3) <u>It-tielet u r-raba` talbiet</u>**

**i) <u>danni ghal telf ta` kera</u>**

Fir-relazzjoni tieghu, il-perit tekniku spjega li l-atturi huma ntitolati ghal danni ta` kera ghall-perijodu minn meta l-inkwilin tal-fond tal-atturi ma hallasx il-kera. Irrizulta li l-ftehim bejn il-kontendenti sar f`Marzu 2007. Irrizulta wkoll illi f`April 2007, l-inkwilin mar jirrisjedi f`post alternattiv sakemm jitlestew ix-xogholijiet. L-inkwilin kien tenut jibqa` jhallas il-kera lill-atturi izda tliet xhur wara li mar joqghod fir-residenza alternattiva, waqaf ihallas il-kera. Irrizulta li sussegwentement l-inkwilin sab post iehor fejn imur joqghod u l-atturi hadu lura c-cwievet tal-fond. Wara l-15 ta` April 2008, bdiet tmur fuq il-post u twaqqaf lill-haddiema milli jkomplu ghaddejjin bix-xogholijiet. Hija bidlet ukoll il-katnazz darbtejn u per konsegwenza, il-haddiema ma setghux jidhlu jahdmu fil-post ta` l-atturi. Din il-Qorti tghid illi l-atturi ghandhom jithallsu ghal telf ta` kera ghaz-zmien minn meta l-inkwilin tal-atturi naqas li jhallas il-kera sat-terminu li fih ivvaka l-post u cioe` disa` xhur minn Lulju 2007 sa April 2008. Wara li hadet lura c-cavetta tal-post, ix-xoghol ma kompliex minhabba l-imgieba tal-attrici. In kwantu ghal dik li hija likwidazzjoni, il-pretensjoni ta` l-attrici kienet fis-sens illi d-dewmien fit-tlestija tax-xoghol kien ta` hsara ghaliha ghax ma setghetx tikri l-fond bir-rata li kienet qed tikri qabel, ossija dik ta` Lm35 fix-xahar. In linea ma` dak li diga` rrilevat, din il-Qorti qeghda ssostni l-fehma espressa mill-perit tekniku u tghid illi dawn id-danni partikolari tal-atturi ghandhom jigu likwidati fl-ammont ta` **<u>€733.75</u>** (Lm35 jew €81.53 x 9 xhur).

## ii) <u>danni ghax tbaxxa s-saqaf</u>

Fir-relazzjoni tieghu, il-perit tekniku kkonkluda li l-atturi huma ntitolati ghal danni ghall-arja mehuda mill-proprjeta` taghhom. Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-perit tekniku. Ghal dik li hija likwidazzjoni, il-fehma tal-perit tekniku kienet din –

*"77. Il-Perit Mario Scicluna ikkalkula t-telf fit-tbaxxija l-fond tal-atturi billi kkonsidraha 1/14 fuq il-valur tal-fond bhala finished (Lm35,000) fl-ammont ta` EUR 5,823,44 u 1/14 fuq il-valur tal-fond fl-istat kif inhu fil-prezent (Lm20,000) fl-ammont ta` EUR 3,327.6878. L-esponenti ma jaqbilx ma` dan il-metodu ta` kalkulazzjoni billi :*

*1. Fl-ewwel lok 0.18 / (3.14 + 0.18) = 1/18 u mhux 1/14*

*2. L-arja 18cm taht is-saqaf ma tistax tittiehed bhala tal-istess valur tal-arja tal-post kollu dment li l-gholi minimu tal-fond –skond il-ligijiet Sanitajri (2.75m) – ma jigix minsus. L-esponenti ghalhekk jikkonsidra illi fil-mertu tal-kaz odjern l-arja `il fuq minn 2.75 m mill-art tiswa n-nofs tal-kumplament tal-arja kkonsidrat wkoll il-fatt illi parti minn din l-arja ta` fuq kienet okkupata bit-travi.*

*3. Il-fond ta` l-attrici fl-istat originali (qabel ghamel ix-xogholijiet il-konvenut) jiswa inqas minn Lm20,000. L-esponent jikkonsidra illi post ta` dan id-daqs fil-lok li fih jinsab u fl-istat originali ghandu valur fil-prezent ta` Lm15,000.*

*79. Ghalhekk, l-esponent jillikwida d-danni sofferti mill-atturi minhabba fit-tehid ta` din l-arja mill-konvenut fl-ammont ta` elf u sitta u tletin Euro u tlettax-il centezmu (EUR 1,036.13)."*

Il-Qorti tqis li l-metodu ta` kalkolu li saru mill-perit tekniku mhux biss huwa ragonevoli izda konformi mal-principji tad-dritt fil-kamp tal-kompensazzjoni ghal danni. Ghalhekk mhijiex sejra tiddiskosta ruhha mill-ammont likwidat mill-perit tekniku. Kwindi taghmel taghha dik il-likwidazzjoni fl-ammont ta` **€1036.13**.

**iii) danni ghal dewmien**

Fir-relazzjoni tieghu, il-perit tekniku ma jsemmi xejn dwar dan. Il-Qorti hija tal-fehma li l-atturi ma ghandhomx jinghataw danni ghal dewmien. Fil-ftehim bejn il-partijiet, it-terminu tal-15 ta` Gunju 2007 kien jikkoncerna t-tlestija tal-pilastri. Ma kienx miftiehem terminu ghat-tlestija tax-xogholijiet u ghat-tiswija tal-hsarat li jinqalghu waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghol. Mill-provi, irrizulta wkoll li l-attrici kienet kagun li x-xogholijiet hadu fit-tul u sahansitra ma tkomplewx.

**4) Il-hames talba**

Din il-Qorti sejra tipprovdi dwar din it-talba fid-decizjoni taghha.

**5) L-ispejjez gudizzjarji**

L-atturi talbu li l-ispejjez relatati ma` din il-kawza u mal-protest gudizzjarju numru 546/07 jigu sopportati mill-konvenut. Id-decizjoni ta` din il-Qorti f`dan ir-rigward sejra tkun rifless ta` dak li pprovdiet dwar it-talbiet attrici. Madanakollu, ghandu jigi sottolinjat li l-ewwel u t-tieni talbiet attrici saru necessarji in vista ta` l-agir ta` l-istess attrici li ostakolat lill-konvenut milli jkompli ghaddej bix-xogholijiet, tant li nehhietlu kull access li kellu ghall-fond ta` l-atturi. Dan jirrizulta mix-xhieda moghtija mill-konvenut, minn Mario Lapira u l-Perit Darren Sciberras, kif

ukoll mill-ittra ufficjali tas-6 ta` Mejju 2008 ezebita a fol 138. Ghalhekk, din il-Qorti sejra tipprovdi illi l-ispejjez relatati ma` l-ewwel u t-tieni talba jigu sopportati mill-atturi.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tal-atturi u dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenut billi taqta` u tiddeciedi hekk –**

**1. Riferibbilment ghall-ewwel talba, tiddikjara illi l-konvenut ghandu jezegwixxi x-xogholijiet ta` tlestija tal-fond 3, Triq Miggiani, Marsa, liema xogholijiet ghandhom jigu ezegwiti fit-termini ta` dak li hemm elenkat fir-rapport tal-perit tekniku Alan Saliba a fol 104 u 105 tal-process fil-paragrafu enumerat 81, liema xogholijiet ghandhom isiru taht is-supervizjoni tal-istess Perit Alan Saliba li qieghed jigi mahtur ghal dan l-iskop.**

**2. Riferibbilment ghat-tieni talba, fin-nuqqas li jsiru dawn x-xogholijiet, allura l-atturi jkunu awtorizzati li, taht is-supervizjoni tal-Perit Alan Saliba li qieghed jigi mahtur ghal dan l-iskop, jezegwixxu huma x-xogholijiet, a spejjez tal-konvenut, liema spejjez ma ghandhomx jammontaw ghal aktar minn sebat elef mija u sittin Ewro (€7,160).**

**3. Riferibbilment ghat-tielet talba, tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni li garrbu l-atturi, limitatament fejn dawn jirrigwardaw telf ta` kera u telf tal-arja tal-fond tal-atturi kif fuq inghad.**

**4. Riferibbilment ghar-raba` talba, tillikwida d-danni tal-atturi fl-ammont komplessiv ta` elf seba` mija disgha u sittin Ewro tmienja u tmenin centezmu (€1,769.88), in kwantu ghal seba` mija tlieta u tletin Ewro hamsa u sebghin centezmu (€733.75) ghal telf ta` kera u in kwantu ghal elf u sitta u tletin Ewro tlettax-il centezmu (€1,036.13) ghal telf mill-arja tal-fond tal-atturi.**

**5. Riferibbilment ghall-hames talba, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta` elf seba` mija disgha u sittin Ewro tmienja u tmenin centezmu (€1,769.88) bl-imghax legali b` effett mil-lum.**

**Tordna lill-atturi sabiex thallas l-ispejjez relatati ma` l-ewwel u ma` t-tieni talbiet.**

**Tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez relatati mat-tielet, mar-raba` u mal-hames talbiet, kif ukoll l-ispejjez tal-protest gudizzjarju Numru 546/07 tat-18 ta` Dicembru 2007.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------